# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 250/2014**

Il-Pulizija

vs

**Antoine Mifsud**

iben Joseph, imwieled Żejtun, fl-4 ta' Ġunju, 1968, detentur tal-karta tal-identita' numru 250368(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Antoine Mifsud quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

a. Talli Fis-6 ta' Novembru 2013, f'dawn il-ġżejjer, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew tqiegħed il-ħajja ta' Maria Mifsud gwardjan lokali bin-numru G630, f'periklu ċar ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess persuna, jew li ġġibilha disordni f'moħħha, liema offiża hija ta' natura ħafifa;

b. Kif ukoll talli taħt l-istess ċirkostanzi, attakajt jew għamilt reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-liġi minn

servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita kompetenti. Dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta' Ġunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-l-Artikoli 31, 96, 214, 221(1) u 222(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali sabet lill-imputat, Anthony sive Antoine Mifsud :

(a) mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena;
(b) filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni b'dan li filwaqt li sabet li l-offiża ta' natura ħafifa ġiet kommessa fuq il-persuna ta' Gwardjan Lokali, iżda tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, tal-karattru tal-ħati kif ukoll tan-natura tal-offiża kaġunata minnu ikkundannat lil imputat għal piena ta' sebat ijiem priġunerija iżda li wara li rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien sena millum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti tat spjegazzjoni tal-import ta' din is-sentenza u qed tispjega lil ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Inoltre, wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kodiċi Kriminali, peress li dehrilha xieraq sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Maria Mifsud G630 u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena, il-Qorti rabtet lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' tnax -il xahar taħt penali ta' elf euro (E1,000).

Rat ir-rikors tal-appellanti Antoine Mifsud minnu ppreżentat fis-16 ta' Gunju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha **TBIDDEL** is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati(Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fid-9 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Antoine Mifsud* billi tikkonferma fejn l-ewwel qorti illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni u minn kull ħtija u piena u tillibera lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni u fin-nuqqas tagħti piena aktar xierqa u adegwata fiċ-ċirkostanzi.

Daqstant għandu x'jissottometti l-appellant.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-aggravju tar-rikorrent huwa li l-prosekuzzjoni bix-xhieda li tellgħet, il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma setgħet issib ħtija fir-rikorrent tal-ewwel imputazzjoni minħabba l-fatt li l-prosekuzzjoni ma ippruvatx il-każ tagħha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Għaldaqstant l-aggravji huma ċari u manifesti kemm fil-fatt u fid-dritt u jirriżultaw aktar minn nuqqas ta` provi li resqet il-prosekuzzjoni.

**Provi**

Illi dan l-appell huwa fuq l-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat ta' ferita ħafifa u għaldaqstant ser jiffoka fuq il-provi li għandhom x'jaqsmu ma' din l-offiża.

Illi skont ix-xhieda tal-gwardjan lokali wara li kienet tat ticket fuq il-vettura tal-esponent u kienet qabdet ir-rotta biex titlaq minn fuq il-post u mill-nħawi tal-ajruport rat lill-esponent javviċċinha fejn dan beda jargumenta magħha dwar taħrika li huwa kien ingħata minn din il-gwardjan lokali.

Illi fix-xhieda tagħha din il-gwardjan lokali tenniet li l-esponent kien ta *straight* f'imnieħera u wara li ngħata din is-*straight* hija saqet lejn l-għassa tal-ajruport biex tagħmel rapport u kif ukoll marret il-poliklinika fejn inħarġilha ċertifikat li kienet qegħda issoffri minn *tenderness on the nose* liema offiża hija ta' natura ħafifa. Fix-xhieda tagħha il-gwardjan lokali xehdet li waqt l-allegat inċident kienet libsa l-crash helmet imma mhux full face.

L-esponent fix-xhieda tiegħu xehed li huwa avviċina l-gwardjan lokali wara li kienet ingħatatlu t-taħrika sabiex jara għalfejn ingħatat lilu biss u totalment innega li xejjer daqqa ta' ponn lill-gwardjan lokali. Kif ukoll huwa tenna li l-gwardjan lokali kienet libsa crash helmet full face. Dan il-fatt li l-gwardjan lokali kienet libsa crash helmet full face kien ikkonfermat mis-surġent tal-Pulizija li ħa r-rapport waqt il-kontro eżami tiegħu.

Illi skont is-surġent tal-Pulizija li ħa r-rapport tal-gwardjan lokali, il-gwardjan tenniet li l-esponent laqata f'imnieħera u mhux li fajjrila daqqa ta' ponn f'imnieħera. Kif ukoll waqt il-kontro eżami is-surġent tal-Pulizija ikkonferma li dak li niżżel fir-rapport huwa kelma b'kelma li qaltlu l-gwardjan lokali.

Illi l-ewwel qorti skartat ix-xhieda li tat il-gwardjan lokali fejn xehdet li l-imputat ta *straight* f'imnieħera imma l-qorti żammet mal-verżjoni fejn il-gwardjan lokali *tempo vergine* stqarret li ntlaqtet mill-imputat f'imnieħera. L-ewwel qorti imma waslet ghal-konklużjoni li kien hemm l-estremi tal-azzjoni pożittiva minn naħa tal-esponent. Fil-fatt l-ewwel qorti tenniet hekk:

> *"Din il-Qorti tqis pruvat sal-grad rikjest mil-Ligi li fil-fatt l-imputat verament xejjer idejh lejn wiċċ il-Gwardjana G630 Maria Mifsud u li wkoll ħadha jew laqatha f'wiċċha; iżda tqis li huwa għamel dan mhux intortament jew b'negligenza, iżda għaliex huwa ried li jolqotha b'idu. Huwa ma kellux għaliex biex ikellem lil Gwardjana G630 Maria Mifsud jgħolli jdejh jew ixejjer idejh lejn wiċċha. Meta għamel dan, jirriżulta li għamel dan biex jolqot lill-istess Mifsud. F'dan is-sens il-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm l-estremi tal-azzjoni pozittiva volontarja da parti tal-imputat li waslet biex tikkawża offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Maria Mifsud."*

Illi hawnhekk fejn l-esponent ma jaqbilx mal-ewwel Qorti minħabba l-fatt jekk kemm-il darba tiġi emnuta li l-gwardjan lokali intlaqtet f'imnieħera dan l-esponent ma għamlux bil-ħsieb u bl-intenzjoni biex jolqotha imma jekk intlaqtet sar hekk aċċidentalment.

Illi aggravju ieħor huwa li kien hemm meħtieġa l-kwerela skont kif jiddettaw l-artikoli 537, 538, jew 539 tal-Kapitoli 9. Fl-atti ta' dawn il-proċeduri ma nġiebet l-ebda kwerela skont il-liġi u għaldaqstant din il-qorti ma għandha l-ebda kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' dan ir-reat.
Illi kif tenniet il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fis-sentenza tagħha *Il-Pulizija vs Paul Camilleri* deċiża fit-12 ta' Frar 2009 fejn hemm il-ħtieġa li l-kwerela trid tkun iffirmata mill-kwerelant skont kif jesiġi l-artikolu 537 tal-Kap.9. Kif ukoll l-artikolu 390 tal-Kap. 9.

Illi f'dan il-każ l-anqas japplikaw l-eċċezzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 373 minħabba l-fatt li l-esponent ma ġiex akkużat b'xi reati ta' ksur tal-ordni pubbliku jew vjolenza pubblika u kif ukoll f'dan il-każ il-Pulizija mexxiet qabel l-erbat ijiem sakemm il-parti offiża kella ċ-ċans li tirrinunzja għall-azzjoni kriminali.

**Piena**

Illi l-esponent weħel sebat ijiem priġunerija sospiża ghall-sena. Mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk din il-qorti fil-ġudizzju tħoss li għandha tgħaddi għall-piena dwar ir-reat ta' ferita ħafifa għandha tieħu konjizzjoni tal-fatt li l-offiża ma ħalliet l-ebda marka fuq il-ġisem tal-gwardjan lokali u għaldaqstant għandha tapplika l-piena fil-parametri tal-artikolu 221(3)(b).

Illi l-ewwel qorti applikat piena ta'delitt u dan minħabba l-fatt li skont l-ewwel Onorabbli Qorti din l-offiża ta' natura ħafifa hija kwalifikata b'dak misjub fl-Artikolu 222(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-offiża ta' natura ħafifa ġiet kommessa fuq persuna li kienet qegħda taqdi d-dmirijiet tagħha ta' gwardjan privat u b'hekk f'każ ta sejbien ta' ħtija l-piena eventwali tkun trid tiġi miżjuda bi grad.

Illi meta din l-onorabbli qorti tqis li ma tħalliet l-ebda marka fuq il-ġisem tal-gwardjana lokali, din l-offiża għandha titqies ta' importanza żgħira u għaldaqstant ma tidħolx fil-parametri tal-artikolu 222(1) imma għandha tingħata piena ta' kontravenzjonijiet jew ta' liberta kondizzjonata.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

**1 ) Illi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-ewwel akkuża li tikkonċerna l-offiża ta' natura ħafifa li allegatament saret mill-appellant fuq il-gwardjan lokali.**

a) **Fatti fil-qosor :**

L-appellant kien mar l-ajruport biex jiġbor lit-tifla tiegħu li kienet għadha kemm ġejja minn btala u pparkja f'post fejn huwa ċarissimu li wieħed ma jistax jipparkja, cioe' faċċata tas-Sala tal-Wasliet. Sakemm mar għat-tifla, l-gwardjan għamlitlu ticket mal-'*windscreen*' tal-karozza.

Il-gwardjan lokali kienet diga' rikbet fuq il-quad bike sakemm l-appellant qasam għal karozza. Huwa rnexxilu jilħaqa u insista li tneħħilu t-ticket minn mal-*windscreen* tiegħu għax kien ipparkja hemmhekk għal żmien qasir ħafna.

L-appellant kien irrabjat u apparti l-kliem ħażin li qal lil gwardjan beda jxejjer idejh f'wiċċha.

b) **Xhieda :**

Illi quddiem l-Ewwel Qorti xehdu l-ispettur Edel Mary Camilleri, PS 647 Ivan Chetcuti, l-gwardjan lokali G630 Maria Mifsud, PC 443 Vincent Mifsud u Dr Marcel schembri M.D. (it-tabib li nvista lil G630 ) u kif ukoll l-appellant.

**Xhud PS 647 Ivan Chetcuti:**

Fix-xhieda tiegħu PS 647 Ivan Chetcuti jgħid li meta daħlet biex tagħmel rapport dwar x'ġara G630 Maria Mifsud kienet qed titriegħed u aġitata. Hija ħalliet il-mutur barra l-għassa u hadha l-polyclinic kollega tagħha. Jżid jgħid li meta umbgħad kellem lill-appellant huwa qallu li veru kellu argument magħha imma jinnega li refa' jdejh fuqha.(fol 29).

**Xhieda tal-Gwardjan Lokali G 630 Maria Mifsud:**

Fix-xhieda tagħha l-gwardjan lokali G630 Maria Mifsud minn folio 40-50 tal-proċess waqt li kienet qed tirrakonta dwar x' kien ġara dankinhar tal-allegat inċident hija tgħid li l-appellant kien qalilha biex tinżel minn fuq il-quad bike, biex tmur tneħħilu t-ticket u offendiha. L-appellant kien viċin tal-gwardjana għax fix-xhieda tagħha hija tagħmel referenza anke għal bżieq ġo wiċċha. X'ħin talbitu biex jitlaq hija qalet li qallha 'mur inħallik tkompli għax inxarrablek daqqa ta' ponn f'wiċċek'. (fol 41) Hija qabdet ir-radju u talbet l-għajnuna lil Pulizija dak il-ħin '*qabad u xejjer daqqa ta' ponn u umbgħad qabad u telaq 'l hemm'*. (fol 41). Tkompli tinsisti fix-xhieda tagħha a folio 49 tal-proċess li hija għolliet il-helmet biex tgħajjat għal għajnuna mill-bażi u 'li .......... wara t-tieni darba li qalli ha nagħtik daqqa ta' ponn, qabad u xejjirli daqqa ta' ponn u laqatni'.

Meta tiġi mistoqsija mill-Ewwel Qorti x'tip ta' daqqa ta' ponn kien ta hija tgħid '*Straight'*. Pero' fix-xhieda tagħha a folio 50 hi stess tgħid li daqxejn aħmar kellha u ma kellhiex qsim..'

Wara din id-daqqa l-ewwel marret tagħmel rapport l-għassa tal-MIA u wara marret l-polyclinic ta' Ħal Qormi għax ħadha kollega tagħha.

**Rapport :**

Fir-rapport lis-surġent PS 647 Ivan Chetcuti qaltlu li meta *qalilha biex tinżel minn fuq il-qaudbike l-appellant beda jtajjar il-bżieq ma'wiċċha , qalilha li ser jaqbad ttiha , beda jgħolli leħnu, jkellimha ħażin, li ser jifqala' imniħirha , beda jxejjer idu u laqata fuq wiċċha. (*Meta xehed in kontro eżami PS 647 Ivan Chetcuti huwa ikkonferma li fir-rapport **niżżel kelma b'kelma li qaltlu l-gwardjan**) .

**Xhieda PC 443 Vincent Mifsud:**

Is-surġent fix-xhieda tiegħu ikkonferma li l-Gwardjan Lokali Marija Mifsud hija validament liċenżjata bħala Gwardjan Lokali.

**Xhieda ta' Dr Marcel Schembri M.D. (folio 57 et seq tal-proċess )**

It-tabib li nvistha l-Polyclinic kien infurmaha li ma għandhiex affarijiet gravi, li għandha xokk, kienet imbeżżgħa u li għandha '*slight tenderness of nose* ' u dan għaliex kienet hi stess li qalet li qed juġaha mnieħiera. Mandankollu ma kien hemm ebda ferita jew nefħa fuq l-imnieħer. Kienet ilmentat bl-uġiħ. Dan huwa konfermat fix-xhieda ta' Dr Marcel Schembri a folio 57 et seq. tal- proċess. Infatti, fiċ-ċertifikat huwa jikteb '*slight save complications'*( Folio 25)

**Stqarrija tal-appellant :**

Fl-istqarrija tal-appellant esebita a folio 26-28 tal-proċess huwa jgħid '*....jiddispjaċini fuq dan l-inċident imma nżid ngħid li qed tgħid hi ma ġara xejn minnu'.* (Folio 27)

**Xhieda tal-appellant :**

Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant jgħid li kien lemaħ lil gwardjana tagħmel iċ-ċitazzjoni mal-*windscreen* meta kien għadu ħiereġ minn taħt il-ħnejjiet tas-sala tal-wasliet. Hu mar jgħidilha biex tneħħilu ċ-ċitazzjoni għax kienet qed tarah jaqsam bil-bagalja u hu qal li hi qaltlu *'....jiena hekk nagħmel u hekk irrid nagħmillek lilek'*.(fol 64) Huwa jkompli jikkonferma li kien mar ikellimha bil-kelma t-tajba u fl-ebda mument ma mar jiġri warajha. Huwa kemm qasam it-triq biss. Huwa jiċħad li hedda li ser jifqalha imniħirha, li offendiha jew li kien qed ixejjer idejh fuq wiċċha.

**Referenza għal 'crash helmet'**

Fix-xhieda tal-gwardjana ssir referenza għal crash helmet li tkun biha fuq xogħol u tiddiskrevija bħala **mhux full face** u li meta ta d-daqqa ma kinitx imniżżla ma' wiċċha għax kienet qed tgħajjat għall-għajnuna fuq ir-radju.

Fil-kontro eżami meta PS647 Ivan Chetcuti jiġi mistoqsi kif kienet il-*crash helmet* meta marret l-għassa tagħmel ir-rapport il-gwardjan u huwa jikkonferma li **kienet *full face***.

Fix-xhieda tiegħu l-appellant jikkonferma li jagħraf il-gwardjana wara li l-ispettur turih ir-ritratt u wara li ftakar li kienet xehdet kontrih tul il-każ. Huwa jgħid li kienet libsa l-*crash helmet full face* u li ma neħħitux biex tkellmu għax meta qasam it-triq hija rikbet fuq il-mutur biex titlaq.

Illi dan l-elmu qatt ma ġie esebit jew ġie preżentat ritratt tiegħu mill-Prosekuzzjoni.

Illi madankollu, d-deskrizzjoni ta' kif kien l-elmu kien dak il-ħin fuq il-gwardjan huwa ċar mix-xhieda tagħha. Hija tgħid li kellha tieqaf għax inkella kienet itajjar lil appellant għax mar jieqaf quddiem il-*quad bike* tagħha u kien mgħolli x'ħin ċemplet għall-għajnuna.

Għalkemm jikkonferma li l-elmu kien jgħatti wiċċ l-gwardjan PS 647 wieħed irid iqis li meta marret l-għassa hija kellha ssuq il-quad bike , għalhekk bil-fors kellha terġa tilbsu.

Illi l-appellant kien viċin wisq ta' wiċċ il-gwardjan biex ikellimha bil-kelma t-tajba, meta hija tagħmel referenza għal bżieq ġo wiċċha fix-xhieda tagħha. L-appellant ma ġabx ruħu b'mod delikat u biex laqat wiċċ il-gwardjan dak il-ħin kien bilfors qiegħed jxejjer idejh ġo wiċċha.

2) **It-tieni aggravju mressaq mill-appellant huwa dwar in-nuqqas tal-kwerela fil-proċeduri**

Il-Qorti qalet :

*"Illi din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda peress li r-reat sar fil-pubbliku fejn persuna kellha l-inkolumita` tagħha mhedda. Il-Qorti għalhekk sostniet li l-pulizija setgħet tmexxi l-azzjoni ex officio bil-maħfra ma jkollha ebda effett fuq l-azzjoni kriminali. Il-Qorti rriferiet għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Stephen Muscat (05.05.1995).*

Inoltre, *' skont l-artikolu 543 (d) tal-Kodiċi Kriminali: "Il-pulizija tista' tagixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: "(d) fil-każ ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunità in ġenerali". Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-frasjoloġija kjarament tindika li l-pulizija tista' taġixxi anke f'każ ta' reat li forsi mhuwiex min-natura tiegħu stess "ta' ordni pubbliku" iżda li b'xi mod jeffettwa jew jimpinġi fuq it-trankwillita` jew serħan tal-moħħ tal-pubbliku.'*

Iktar riċenti fil-każ **il-Pulizija vs Lawrence Gabriele Appell Nru. 436/2017, deċiża mill-Onor. Imħallef Edwina Grima, Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta' Frar, 201**8:

*'Il-Qorti osservat li dan il-każ jinkwadra ruħu taħt l-artikolu 543 (d) tal-Kap 9 li jaqra: "Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: (d) fil-każ ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunita' in ġenerali." Il-Qorti fissret li l-kliem użat f'dan l-artikolu jindika li l-pulizija tista' tmexxi anki f'każijiet fejn għalkemm ir-reat ma jkunx ta' natura pubblika, l-effett tiegħu jaffettwa s-serħan tal-moħħ tal-pubbliku.'*

Illi mill-provi jirriżulta li kienet il-gwardjan stess li ċemplet għall-għajnuna u li umbgħad marret l-għassa biex tagħmel ir-rapport . Peress li dan il-każ ġara faċċata tas-sala tal-wasliet tal-ajruport ta' Malta, f' post li huwa pubbliku żġur u l-persuna kienet qed tħossha mhedda, l-Pulizija setgħet tmexxi ugwalment għax huwa att illi ċertament jaffetwa t-trankwillita` pubblika u ta' theddid għas-sigurezza tal-komunita`.

Għaldaqstant it-tieni aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

Illi x-xhieda tal-gwardjan lokali G630 Maria Mifsud u tal-appellant hija konfliġġenti u infatti jiddependi kollox fuq il-kredibbilita' tax-xhieda.

Illi pero' kemm fir-rapport u kif ukoll fix-xhieda tagħha l-Gwardjana tagħmel referenza ċara li l-appellant kien ħedda li ser jifqala' imniħirha.

Illi biex l-appellant irnexxilu jolqot lil Gwardjan f'wiċċha b'idejh u saħansitra kif tgħid hi tiftakar anke bżieq ma' wiċċha, l-appellant kien viċin ħafna tal-Gwardjana u l-imġieba tiegħu kienet aggressiva magħha.

Illi l-ewwel Qorti setgħet tasal raġonevolment u legalment tasal għal din il-konklużjoni.

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tichad l-appell ta' Antoine Mifsud u tikkonferma s-sentenza appellata.